# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta tad-9 t'Ottubru 2023**

**Rikors Numru : 229/2023 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**AS**

**vs**

**RJ**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AS datat 21 t'April 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fit-23 ta' Awissu ta-sena elf disa mija ħamsa u tmenin (23.08.1985) mil-liema żwieġ huma kellhom żewġ ulied u cioe' SJ u MJ, li huma maġġorenni (ara kopja taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok A****);*

2. *Illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat sebgħa ta' Mejju elfejn u tmintax (7.5.2018) (ara kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok B****);*

3. *Illi skont l-imsemmi kuntratt senjament klawżola sitta (6), il-partijiet iddekadew għal kwalunkwe dritt li jitolbu u jew jirċievu manteniment mingħand xulxin;*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi huma ilhom jgħixu separatament minn xulxin minn xhur qabel is-separazzjoni bonarja tagħha li saret f'Mejju 2018 u għalhekk għall-aktar minn ħames snin. Illi illum il-ġurnata huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin (ara affidavit anness bħala* ***Dok C****);*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikoli 66B tal-Kodiċi Ċivili;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tal-partijiet.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat ma ntavola ebda risposta pero' xehed viva voce fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2023.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-21 ta' Gunju 2023 (Vide Fol 17), fejn il-partijiet ddikjaraw li ma ghandhomx provi x'jissottomettu jew sottomissjonijiet finali x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 13) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-23 t'Awwissu 1985 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggiorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dr Brenda Jane Camilleri datat 7 ta' Mejju 2018. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li l-kontendenti jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostniet illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

L-intimat xehed (Vide Fol 18) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm***

***maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 t'Awwissu 1985, liema zwieg jgib certifikat numru 1486/1985 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewg itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in att tan-Nutar Dr Brenda Jane Camilleri datat 7 ta' Mejju 2018. (vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxiela tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1486/1985 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqgu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**